**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Marzu, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**-vs-**

**Tristan Tedesco, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 436596M; u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 509/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tristan Tedesco u Omissis u ċioè talli:

Flimkien ma' żewġ persuni oħra nhar it-28 ta' Lulju, 2018, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) minn ġol-fond Ġnejnet il-Ward, Triq il-Kan. Karm Pirotta, Birkirkara:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq agravat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija

u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-lok, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u dan għad-dannu tal-familja Ciantar;

2. Xjenetement laqaw għandhom ħwejjeġ misruqa (vettura tal-għamla Peugeot) meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat ta' serq;

3. Ġarrew il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil **Tristan Tedesco** waħdu talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'Birkirkara:

4. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara, ħassar jew għarraq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO515 għad-dannu ta' Bojan Pavlovikj;

5. Saq l-imsemmija vettura mingħajr numru ta' reġistrazzjoni tal-għamla Peugeot mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji għall-terzi persuni;

6. Saq motor-car jew vettura oħra ta' l-għamla Peugeot mingħajr numri ta' reġistrazzjoni b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż;

7. Bħala xufier ta' vettura tal-għamla Peugeot mingħajr numru ta' reġistrazzjoni naqas li jieqaf u jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f'inċident li jinvolvi offiża fuq il-persuni u meta ġiet ikkaġunata ħsara lil xi vettura;

Lil Tristan Tedesco talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommetta reat waqt li kien taħt diversi sentenzi sospiżi, liema sentenzi ingħataw mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Mercieca LL.D, Dr. F. Depasquale LL.D. u Dr. A Demicoli LL.D., liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-probation taht l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta fit-8 t'Awissu, 2017 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D.

Il-Qorti ġiet mibdula li titratta lill-imputat Tristan Tedesco bħala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa kien ġie misjub ħati u ikkundannat għall-reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 t'Awissu, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rigward it-tieni akkuza semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li l-valur tal-Peugot ma kienx jeccedi €1,000

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali refrattarja tieghu, tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, partikolarment tax-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joe Cassar u tal-Probation Officer tieghu. Din ix-xhieda kienet determinanti sabiex il-Qorti ma ddahhalx fis-sehh is-sentenzi sospizi li nghataw lill-imputat tenut kont li kollettivament dawn jammontaw ghal kwazi sitt snin prigunerija li l-imputat ikollu jibda' jiskonta wara li jservi l-piena li ser tigi erogata ghall-akkuzi odjerni li dwarhom qed tinstab htija.

Mhemmx dubbju li l-imputat ghandu jpatti ghall-ghemilu u jiehu l-haqq tieghu f'sistema riformativa sabiex jitpogga' f'posizzjoni fejn jitghallem

mill-izballji tieghu bil-ghan ahhari li jerga′ jintegra ruhu fis-socjeta` aktar u aktar meta ghadu ta′ eta′ tant zaghzuha.

Hija l-istess Qorti li b′ghajnejha kkonstatat il-bidla li dehret fiz-zaghzugh matul il-perjodu t′inkarcerazzjoni. Bidla mill-lejl ghan-nhar. Pero` tali bidla u l-progress li ghamel ma jkunu jigu jiswew ghall-xejn jekk il-perjodu t′inkarcerazzjoni jizdied kemm il-darba jiddahhlu fis-sehh is-sentenzi sospizi li nghata li b′kollox jammontaw ghal seba u sittin (67 ) xahar iehor. Li kieku kellu jiskonta total ta′ kwazi 8 snin habs l-imputat ikun tilef zghozitu w is-sistema tkun fallietu wara li saru sforzi kbar biex tirriformah.

Dan ser ikun cans ahhari f′hajjtu. Il-mazz issa f′idejh hu li gharaf u qed jgharaf xi tfisser tkun inkarcerat; ihares minn wara l-izbarri u jara l-hajja tghaddi minn quddiem ghajnejh u hu jibqa biss spettatur minflok ma jghixha u jgwadiha ma dawk l-aktar qrib tieghu.

Illi issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f′sentenza tat-18 ta′ Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Farrugia**:[1]

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta’ l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta’ irriversibilita’ assoluta – anqas ma tista’ din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta’ l-Avukat Generali li Ordni ta’ *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta’ persuna ta’ eta’ mhux zghira u li forsi hu recediv, tista’ titfacca fil-hajja ta’ dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979):

Ghalkemm il-piena li ser tigi erogata mhux fl-istess vena, peress li f′dan il-kaz l-imputat qed jinghata terminu t′inkarcerazzjoni bl-ebda mod legger u mhux ordni ta′ supervizzjoni, l-istess konsiderazzjonijiet isibu applikazzjoni ghall-kaz in dezamina.

Illi l-konsapevolezza li mdendla fuq rasu hemm zmien t′inkarcerazzjoni twila tistennieh jekk jerga′ jikser il-ligi, ghandha sservi ta′ deterrent qawwi sabiex jibqa′ fit-triq tas-sewwa hekk kif ser jiskonta l-piena li ser tigi erogata llum.
Illi huma l-istess konsiderazzjonijiet li animaw id-decizjoni ta′ din il-Qorti sabiex in vista tal-ksur tal-ordi ta′ probation moghti nhar it-8 t′Awissu,

[1] Per Onor. Imhallef Dr. Vincent De Gaetano

2017, moghti minn din l-istess Qorti kif preseduta, minflok tittratta mal-imputat ghar-reati li dwarhom sar dak l-ordni, il-Qorti qed taghzel li twahhal lill-imputat ammenda kif ravvizata bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(a)(b)(c)(e), 262(b), 263, 267, 269(g), 278(3), 279(a)(b), 280(2), 328(d) u 334(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 3(1)(2)(c) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 67 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S.65.11), u tal-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal **tmienja u ghoxrin (28) xahar prigunerija u multa ta' €116.47c**

Inoltre` wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, <u>mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni</u>, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas t'*ammenda* ta'mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€**232.94**).

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-**iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tlett snin**.

A tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga kif ukoll sabiex jigi assigurat li l-kura ghall-kundizzjoni tieghu tibqa' tittiehed u dan that supervizjoni stretta.

Finalment wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti **qeghda testendi** s-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif gej:

(a) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Audrey Demicoli, moghtija nhar l-20 ta' Frar, 2018, ta' **sentejn prigunerija** sospizi ghall-tlett (3) snin, **ghal tlett (3) snin ohra** li jibdew jiddekorru millum;

(b) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Grazio Mercieca, nhar id-9 t'Ottubru, 2017 ta' **sentejn prigunerija** sospizi ghall-tlett snin, **ghal tlett (3) snin ohr**a li jibdew jiddekorru millum;

(c) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, nhar l-14 ta' Frar, 2017,[2] ta' **tlett xhur prigunerija** sospizi ghal erba snin, **ghal erba snin ohra** li jibdew jiddekorru millum;

(d) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, nhar l-14 ta' Frar, 2017, [3] ta' **tlett xhur prigunerija** sospizi ghal erba snin, **ghal erba snin ohra** li jibdew jiddekorru millum;

(e) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, nhar l-20 ta' Frar, 2018,[4] ta' **erba xhur prigunerija** sospizi ghal erba snin, **ghall-erba snin ohra** li jibdew jiddekorru millum;

(f) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, nhar l-20 ta' Frar, 2018,[5] ta' **hames xhur**

[2] Data tal-akkuza: 25 ta' Gunju, 2016
[3] Data tal-akkuza: 22 ta' Lulju, 2016
[4] Data tal-akkuza: 12 ta' Jannar, 2017
[5] Data tal-akkuza: 10 ta' Frar, 2017

**prigunerija** sospizi ghal erba snin, **ghall-erba snin ohra** li jibdew jiddekorru millum;

(g) is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr. Francesco Depasquale, nhar l-20 ta' Frar, 2018,[6] ta' **erba xhur prigunerija** sospizi ghal erba snin, ghall-erba snin ohra li jibdew jiddekorru millum.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[6] Data tal-akkuza: 31 t'Awissu, 2016